# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Nikolai Abela**
**Anthony Joseph Xuereb**

**Kumpilazzjoni 660 / 18**

Illum, 17 ta' Ottubru 2018

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati:

**Nikolai Abela** iben Franco u Natasha nee' Vella, mwieled gewwa r-Rumanija nhar it-03 ta' Novembru 1999 u residenti gewwa 160, Prelude, Triq il-Karmnu, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' 603399M.

U

**Anthony Joseph Xuereb** iben Martin Joseph u Ruth nee' Schembri, mwieled Rabat (Ghawdex) nhar it-03 ta' Settembru 2000 u residenti gewwa Block C, Flat 6, Triq l-Alfier De Medran, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' 25100H.

U akkuzati illi fil-lejl ta' bejn it-13 ta' Ottubru 2018 u l-14 ta' Ottubru 2018 minn gewwa 'Gunpost Snack Bar' li jinsab fit-Triq Marsamxett, Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Ikkommettew serq ta' prodotti tal-ikel u xorb ghad-detriment ta' Marju Camenzuli u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezzi u dan bi ksur tal-**Artikoli 261, 263, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' katnazzi tal-hadid ghad-dannu ta' Marju Camenzuli u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-**Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Akkuzat Anthony Joseph Xuereb wahdu talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda u cioe:-

3. Talli nhar fil-lejl ta' bejn is-07 ta' Ottubru 2018 u t-08 ta' Ottubru 2018, minn gewwa l-istabbiliment '*Cockney's Lounge*' li jinsab fi Triq il-Lanca, Belt Valletta, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Carmel Saliba u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-**Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. U kif ukoll talli nhar it-12 ta' Otturbu 2018 bejn it-tlieta ta' filghodu u l-hamsa ta' filghodu (03:00Hrs – 05:00Hrs) bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa '*Capo Crudo*' li jinsab fi Triq Marsamxett, Belt Valletta ghad-detriment ta' Janica Schembri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-**Artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. U kif ukoll talli nhar it-12 ta' Otturbu 2018 bejn it-tlieta ta' filghodu u l-hamsa ta' filghodu (03:00Hrs – 05:00Hrs) volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' hgiega mill-istabbiliment '*Capo Crudo*' li jinsab fi Triq Marsamxett, Belt Valletta ghad-dannu ta' Janica Schembri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-**Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

6. U aktar talli nhar il-15 ta' Ottubru 2018 bejn nofs il-lejl u d-disgha ta' filghodu (00:00Hrs – 09:00Hrs) minn gewwa l-istabbiliment '*Cockney's Lounge*' li jinsab fi Triq il-Lanca, Belt Valletta, ikkommetta serq ta' flus kontanti, laptop tal-marka '*Toshiba*' u diversi oggetti ohra ghad-detriment ta' Ian Saliba u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-**Artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

7. U aktar talli nhar il-15 ta' Ottubru 2018 bejn nofs il-lejl u d-disgha ta' filghodu (00:00Hrs – 09:00Hrs) volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' bieb ta' l-istabbiliment '*Cockney's Lounge*' li jinsab fi Triq il-Lanca, Belt Valletta ghad-dannu ta' Ian Saliba u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-**Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

8. U aktar talli nhar il-15 ta' Ottubru 2018 bejn nofs il-lejl u d-disgha ta' filghodu (00:00Hrs – 09:00Hrs) volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' bieb ta' l-istabbiliment '*Marsamxett Fishing Club*' li jinsab fi Triq il-Lanca, Belt Valletta ghad-dannu ta' Manuel Arpa u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-**Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

9. U kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Ottubru 2018 u s-16 ta' Ottubru 2018 ikkommetta serq ta' prodotti tal-ikel u xorb minnn gewwa l-Kappella ta' San Gorg Preca li tinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ghad-detriment ta' Anthony Callus u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz u dan bi ksur tal-**Artikoli 261, 263, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

10. Kif ukoll ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' *Probation* hekk kif moghtija nhar it-08 ta' Mejju 2018, mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel

Il-Qorti intalbet illi f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Anthony Joseph Xuereb bhala li sar recidiv ai termini tal-**Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti intalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dehru l-ufficjali prosekuturi l-Ispettur Jeffrey Scicluna u l-Ispettur Daryl Borg li qraw u halfu l-akkuzi fil-konfront tal-imputati.

Il-prosekuzzjoni ezebiet bhala dokumenti s-segwenti :

- Statement ta' Nikolai Abela
- Stqarrija ta' Nikolai Abela rigward assistenza legali
- Certifikat tat-twelid ta' Nikolai Abela
- Fedina Penali ta' Nikolai Abela
- Statement ta' Anthony Joseph Xuereb
- Stqarrija ta' Anthony Joseph Xuereb rigward assistenza legali
- Certifikat tat-twelid ta' Anthony Joseph Xuereb
- Fedina Penali ta' Anthony Joseph Xuereb
- 6 PIRS reports
- Kunsens tal-Avukat Generali

F'dan l-istadju Dr Graziella Tanti, li dehret bhala avukat tal-ghajnuna legali ghaz-zewg akkuzati talbet id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-imputati.

Il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghal din it-talba u l-Qorti tqis li ma tezisti ebda raguni ghala l-ismijiet taghhom m'ghandhomx jigu ppubblikati u ghalhekk tichad tali talba.

L-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni ghall-arrest.

Il-Qorti rat li hemm il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bhala 'sommarju'.

Saru l-ezamijiet taz-zewg imputati.

L-imputati irregistraw ammissjoni.

L-imputati inghataw zmien biex jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom u regghu kkonfermaw tali ammissjoni.

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi u l-ligi ossia, Artikoli 261, 263, 267 u 270; Artikoli 325 (b) (c) u Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-ammissjoni tal-akkuzati u l-eta' tal-istess akkuzati.

Rat li hu tassew inkwetanti li fl-eta zghira taghhom dawna l-akkuzati gia' kkommettew tali reati u ghandhom problemi serji ta' tip ta' droga, li turi bic-car li l-akkuzati ghandhom bzonn jinghataw l-ghajnuna mehtiega biex johorgu minn tali vizzju.

Fic-cirkostanzi,

Il-Qorti ssib lill-akkuzati hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u,

Fil-kaz ta' **Nikolai Abela** tohroglu ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn kif ukoll ordni ta' trattament ghall-istess perjodu ta' sentejn, fejn l-akkuzat jobbliga ruhu li joqghod ghal kull trattament illi tigi lilu proposta minn persuni mqabbda ghal dan il-ghan.

Fil-kaz ta' **Anthony Joseph Xuereb**, wara li rat ukoll li l-akkuzat huwa ricediv u kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation lilu moghtija fit 8 ta' Mejju 2018 tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar u filwaqt illi tistieden lill-Awtoritajiet sabiex jintbaghat fil-facilita' korrettiva intizi ghal persuni tal-eta' tieghu gewwa l-Imtahleb, tordna lill-Awtoritajiet sabiex tul il-permanenza tieghu f'tali facilita' jinghata t-trattament kollu mehtieg sabiex l-akkuzat jeghleb il-vizzju tad-droga.

**Francesco Depasquale**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**